## Il-Ħadd, 18 ta' Ottubru 2020

Il-Fariżej bdew jiftiehmu bejniethom biex jaraw kif lil Ġesù jonsbuh b'xi kelma. U bagħtulu d-dixxipli tagħhom ma' xi Erodjani u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li int raġel tħobb is-sewwa ... Għidilna ħaġa, mela: Int x'jidhirlek? Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?" Imma Ġesù għaraf il-ħażen ta' moħħhom, u qalilhom: "Għaliex tridu ġġarrbuni, ja wċuħ b'oħra? Uruni l-munita tax-taxxa." Urewh dinar, u Ġesù staqsiehom: "Ta' min huma dan il-wiċċ u din il-kitba?" Qalulu: "Ta' Ċesari!" Imbagħad qalilhom: "Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 22, versi 15-21***

# 236

"In-Nisrani hu msejjaħ biex jimpenja ruħu konkretament fir-realtajiet umani u soċjali bla ma jqiegħed lil Alla u lil Ċesri kontra xulxin; meta lil Alla u lil Ċesri nqegħduhom kontra xulxin, inkunu qed naqgħu f'atteġġjament fundamentalista. In-Nisrani hu msejjaħ biex jimpenja ruħu konkretament fir-realtajiet tad-dinja, imma biex idawwalhom bid-dawl li jiġi minn Alla. Li nafdaw f'Alla qabel kull ħaġ'oħra u li nittamaw fiH ma jfissirx li aħna naħarbu mir-realtà, anzi jfisser li bil-ħidma tagħna rroddu lura lil Alla dak li hu tiegħu."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus,* 22 Ottubru 2017

*Il-bniedem*
*lili*
*kif jinteressani?*

*Kif inżewwiġhom*
*il-ġisem u r-ruħ*
*li l-bniedem*
*hu magħmul*
*minnhom?*

# Li tgħix ta' nies

Id-dawl li tagħtina Inti, Mulej,
huwa dawl li jgħinna ngħixu ta' nies,
u li ngħixu ta' nies
fir-realtajiet tagħna u tal-oħrajn,
ikunu liema jkunu.
Huwa dawl
li għandu l-qawwa li jagħmel differenza sabiħa
fil-ħajja ta' issa;
huwa dawl li jurina kif nbiddlu għall-aħjar
kull qagħda li jsib ruħu fiha l-bniedem.
Għalhekk,
agħtina dejjem dan id-dawl
biex nagħrfu nimpenjaw ruħna favur il-bniedem
bil-ħtiġijiet tiegħu,
bix-xewqat tiegħu,
bl-aspirazzjonijiet tiegħu.

## It-Tnejn, 19 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal din il-parabbola: "Wieħed raġel għani ġabar kotra ta' frott mir-raba' tiegħu. U beda jaħseb u jgħid: 'X'se nagħmel? Għax dal-frott kollu ma għandix fejn naħżnu!' Qal: 'Ara x'nagħmel, inħott l-imħażen li għandi u nibni oħrajn akbar, u naħżen fihom il-qamħ u l-ġid kollu li għandi. Imbagħad ngħid lili nnifsi: Ruħi, għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin; mela strieħ, kul, ixrob, ixxala!' Iżda qallu Alla: 'Iblah li int! Dan il-lejl stess jitolbuk ruħek lura. U l-ħwejjeġ li ħejjejt għalik, ta' min ikunu?' Hekk jiġrilu min jiġma' l-ġid għalih innifsu bla ma jistagħna quddiem Alla."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 12, versi 16-21***

# 237

"Waħda mill-kawżi tal-indifferenza lejn il-karba tal-uġigħ tal-oħrajn insibuha fir-relazzjoni li ħloqna mal-flus, fejn qed naċċettaw bla nkwiet ta' xejn il-ħakma tagħhom fuqna u fuq is-soċjetà tagħna. Il-kriżi finanzjarja li għaddejjin minnha qed tnessina li fl-għeruq tagħha hemm kriżi antropoloġika profonda: iċ-ċaħda tal-primat tal-bniedem! Ħloqna idoli ġodda. Il-qima tal-għoġol antik tad-deheb issa sabet verżjoni ġdida u bla ħniena fl-idolatrija tal-flus u fid-dittatura ta' ekonomija bla wiċċ u bla mira tassew umana."

PAPA FRANĠISKU, *Evangelii Gaudium*, nru 55

*Il-ġid li għandi*
*huwa*
*iktar importanti*
*minni?*

*Il-ġid li għandu*
*ħaddieħor*
*huwa*
*iktar importanti*
*minnu?*

# B'wiċċ uman

Kemm ninsew, Mulej,
li aħna l-bnedmin niswew
mhux għaliex ikollna l-ġid, il-flus, il-propjetà,
imma għaliex għandna dinjità
li tagħtihielna Inti!
Kemm inżarmawha din id-dinjità
li għandna aħna
u li għandhom il-bnedmin l-oħra kollha
kull darba li nċedu
għall-poter li l-ġid joħloq fuqna!
Dawwalna, għalhekk,
biex inkunu nistgħu nagħmlu użu tajjeb minnu.
Għinna nistagħnew quddiem Alla
- Missierek u Missierna -
billi l-ġid materjali nsarrfuh f'imħabba vera
lejna nfusna u lejn l-oħrajn.

## It-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Żommu
ġenbejkom imħażżma
u l-imsiebaħ tagħkom
mixgħula;
kunu bħal nies
jistennew
lil sidhom lura
mill-festa tat-tieġ,
biex
malli jiġi
u jħabbat
jiftħulu minnufih.
Henjin dawk il-qaddejja
li meta jiġi sidhom
isibhom jishru!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 12, versi 35-37***

238

"Ġesù jwissi lid-dixxipli biex jishru bla heda ħalli jagħrfu l-waqt li Alla jkun għaddej f'ħajjithom, għax Hu qatt ma jheda jmiss il-ħajja. U Ġesù juri kif għandna ngħixuha din is-sahra: b"ġenbejna mħażżma', xi ħaġa li tfakkar fl-atteġġjament tal-pellegrin lest biex jitlaq għal għonq it-triq ... Ifisser li nkunu miftuħin għal meta Alla jgħaddi minn ħajjitna, għar-rieda tiegħu li tmexxina biex nagħmlu lejH il-pass li jkun imiss ... Imbagħad li 'nżommu l-imsiebaħ mixgħula', biex inkunu nistgħu nifilħu għad-dlam tal-lejl."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 11 Awwissu 2019

*Kemm*
*jien miftuħ*
*għal meta*
*Alla jgħaddi*
*fi triqti?*

*Ninduna biH?*

# Għal meta jgħaddi

Inti, Mulej, tfittex li tgħaddi mit-triq ta' ħajti
mhux għax għandek bżonn xi ħaġa mingħandi,
imma għax Inti trid tgħaddili lil Alla:
trid tgħaddili l-ħajja Tiegħu,
is-sbuħija Tiegħu,
l-imħabba Tiegħu,
il-qawwa Tiegħu.
U dan
min jista' jagħmlu aħjar minnek
Inti li Int l-Iben Tiegħu?
U allura, mhux ta' min iħallik għaddej, Mulej!
Żommni attent għaż-żjarat li tagħmilli;
żommni attent biex ninduna bik;
żommni attent
biex meta tħabbat fuq il-bieb tiegħi
niftaħlek minnufih!

## L-Erbgħa, 21 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Kunu afu dan,
li kieku
sid id-dar
kellu jkun jaf
xħin ikun ġej
il-ħalliel
ma kienx se jħalli
min jinfidlu
l-ħajt ta' daru.
Mela kunu lesti
intom ukoll,
għax qatt ma tistgħu tobsru
s-siegħa
li fiha jiġi
Bin il-bniedem."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 12, versi 39-40***

# 239

"B'dil-parabbola ambjentata mal-lejl, Ġesù jħares lejn il-ħajja bħala sahra ta' stennija ħawtiela, li hi preludju għall-jum imdawwal tal-eternità. Naslu għalih billi nkunu dejjem lesti, fuq tagħna u mpenjati fis-servizz lejn l-oħrajn, bil-prospettiva mimlija faraġ li 'hemmhekk' ma nkunux aħna li naqdu lil Alla, imma jkun Hu li jilqagħna għall-mejda tiegħu. Dan diġà jiġri llum kull darba li niltaqgħu mal-Mulej fit-talb, jew meta naqdu lill-foqra, u, fuq kollox, fl-Ewkaristija, fejn Hu jħejji mejda biex biha jitmagħna Kelmtu u Ġismu."

PAPA FRANĠISKU, *Angelus*, 7 Awwissu 2016

# Stennija ħajja

*Kif qed ngħixha*
*l-istennija tiegħi*
*għat-tieni miġja*
*ta' Kristu?*

*Hija stennija*
*skont ix-xewqa*
*tiegħu?*

Din tiegħek, Mulej,
mhijiex xi stedina
biex f'ħajti ma nagħmel xejn
u noqgħod nistenna l-mewt ġejja għalija.
Għall-kuntrarju,
hija stedina
biex lil ħajti nħalliha titmexxa
minn fissazzjoni waħda:
dik li nsarrafha f'servizz ġenwin lejn l-oħrajn
għaliex fihom nara lilek.
Agħmel li jien naħtaf kull opportunità
li tiġi quddiemi
biex inkun bniedem għall-oħrajn,
biex inkun għotja sabiħa li togħġob lilek,
sa ma din tiġi ssiġġillata darba għal dejjem
meta niltaqa' miegħek wiċċ imb wiċċ.

## Il-Ħamis, 22 ta’ Ottubru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
“Nar ġejt inqiegħed fuq l-art,
u kemm nixtieq li diġà qabad!
Iżda hemm magħmudija li biha
għandi nitgħammed, u x’diqa
għandi sa ma dan iseħħ! Taħsbu
intom li jien ġejt inġib il-paċi
fid-dinja? Le, ngħidilkom, imma
l-firda; għax mil-lum ’il quddiem
ħamsa minn nies f’dar waħda jkunu
mifruda bejniethom, tlieta kontra
tnejn u tnejn kontra tlieta; jinfirdu
l-missier kontra l-iben u l-iben
kontra l-missier, l-omm kontra
l-bint u l-bint kontra l-omm, omm
ir-raġel kontra mart binha u mart
l-iben kontra omm żewġha.”

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 12, versi 49-53***

# 240

“Il-paċi ta’ Ġesù
mhix il-paċi tal-oqbra,
mhix il-paċi tan-newtralità;
Ġesù ma jġibx newtralità;
din il-paċi mhix li jintlaħaq
kompromess akkost ta’ kollox.
Il-mixja wara Ġesù titlob iċ-ċaħda
tal-ħażin, tal-egoiżmu,
u l-għażla tat-tajjeb, tal-verità,
tal-ġustizzja, anki meta dan
jitlob sagrifiċċju u ċaħda ta’ dak li
jaqbillek. U dan, iva, jifred. Nafuh
dan: jifred anke fejn hemm rabtiet
mill-aktar sodi. Imma noqogħodu
attenti: mhuwiex Ġesù li jifred!”

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 18 Awwissu 2013

# ‘Le’ għall-kompromessi

*Jien bniedem*
*li qatt ma nieħu*
*pożizzjoni*
*biex*
*ma niġġieled*
*ma’ ħadd?*

*Għalija*
*x’inhi l-paċi?*

Min il-mixja tiegħu warajk, Mulej,
jeħodha bl-impenn
li mixja bħal din titlob minnu,
ma jistax ma jsibx ruħu f’differenza
ma’ bnedmin oħra
li ma jkunux qegħdin jieħdu din il-mixja
bl-istess impenn.
Minħabba l-għażla li huwa jagħmel tiegħek
qabel kull persuna oħra u qabel kull ħaġ’oħra,
se jsib ruħu f’qagħda
li tifirdu mill-qagħda li jkunu fiha l-oħrajn,
saħansitra minn ta’ dawk li jkunu għeżież għalih.
Agħtini l-qawwa, Mulej,
biex ma nkunx nisrani tal-kompromessi,
biex ma nkunx nisrani ta’ paċi fittizja,
biex ma nkunx nisrani ta’ kafkaf.

## Il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal
lin-nies:
"Meta taraw sħaba
tielgħa mill-Punent,
malajr tgħidu
li tkun ġejja x-xita;
u hekk jiġri.
U meta jonfoħ ir-riħ isfel,
tgħidu
li sħana se tagħmel;
u tagħmel tassew.
Uċuħ b'oħra,
tafu taqraw
wiċċ is-sema,
u wiċċ l-art ukoll;
mela ż-żmien ta' issa
kif ma tafux tfissruh?"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 12, versi 54-56***

# 241

"Mingħajr l-għerf tad-dixxerniment nistgħu faċilment ninbidlu f'pupazzi f'idejn it-tendenzi taż-żmien. U dan jirriżulta partikularment importanti meta fil-ħajja tagħna sseħħ xi ħaġa ġdida, u allura rridu ngħarblu jekk hix l-inbid il-ġdid li ġej minn Alla jew xi aspett ġdid qarrieq tal-ispirtu tad-dinja jew tal-ispirtu tax-xitan. Dan id-dixxerniment, anki jekk jinkludi r-raġuni u l-prudenza, imur lil hemm minnhom, għax hu jgħarrex fil-misteru tal-pjan uniku u irrepetibbli li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna."

PAPA FRANĠISKU, Eżortazzjoni Appostolika, *Christus Vivit,* nru 279 u nru 280, 25 Marzu 2019

# Li taqra ż-żmien

*Ngħarbel*
*dak li jiġri fija*
*u madwari?*

*X'użu nagħmel*
*mill-Kelma*
*ta' Alla*
*għal dan?*

Iktar ma ż-żmien tal-lum, Mulej,
jippreżenta quddiemna ħwejjeġ,
iktar neħtieġu dik il-ħila li biha nagħrfu tassew
x'inhu fil-mument preżenti
dak li jkun ġej minnek,
- u li allura jkun ta' ġid -
u x'inhu dak li ma jkunx ġej minnek
- u li allura ma jkunx ta' ġid.
Għinna ngħarblu dak li hemm ġo fina
- xewqat, tħassib, biżgħat, tamiet -
u dak li jiġri barra minna.
Għinna nagħmlu dan
mhux biss bis-saħħa tal-għodda umana
li jista' jkollna f'idejna;
imma wkoll bil-ftuħ tagħna
għall-Ispirtu qaddis tiegħek.

## Is-Sibt, 24 ta' Ottubru 2020

Ġesù qal din il-parabbola:
"Wieħed kellu siġra tat-tin
imħawla fl-għalqa.
Mar ifittex il-frott fiha, u ma sabx.
Għalhekk qal
lil dak li kien jaħdimlu l-għalqa:
'Ara, ili tliet snin niġi nfittex il-frott
f'din is-siġra tat-tin,
u qatt ma sibtilha.
Mela aqlagħha,
għax għalfejn se tibqa' tkidd l-art?'
Iżda dak wieġbu:
'Inti ħalliha, sinjur, għal din is-sena,
sa ma nagħżqilha madwarha
u nagħtiha d-demel.
Id-dieħla għandha mnejn
tagħmel il-frott; jekk le, aqlagħha.'"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 13, versi 6-9***

# 242

"Sfortunatament ilkoll kemm aħna
nixbħu ħafna lis-siġra
li, għal għadd ta' snin,
tagħti prova ta' kemm hi sterili.
Imma, b'xorti tajba għalina,
Ġesù jixbaħ lil dak il-bidwi
li, bil-paċenzja tiegħu bla limiti,
jara kif jirbaħ ftit aktar żmien
għal dik it-tina li ma tagħtix frott ...
Il-paċenzja ta' Ġesù
m'hemm xejn li jegħlibha! ...
Qatt mhu tard biex nikkonvertu!
Il-paċenzja ta' Alla
tibqa' tistenniena
sal-aħħar mument!"

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 28 Frar 2016

# Il-paċenzja ta' Alla

*F'ħajti*
*fejn nista' nara*
*sinjali*
*tal-paċenzja*
*ta' Alla?*

*Nabbuża jien*
*mill-paċenzja*
*Tiegħu?*

Il-fatt li f'ħajti
ma ssibx il-frott
li Inti tistenna mingħandi,
lilek, Mulej,
bl-ebda mod ma jagħmlek xi ħadd
li taqta' qalbek minni,
li jerġa' jibdielek dwari.
Sforz il-qawwa ta' mħabbtek
li ma taqta' qatt għalija,
Inti tibqa' tiġri warajja:
tibqa' tieħu ħsiebi;
tibqa' tagħtini li neħtieġ;
tibqa' tara x'tivvinta għalija.
Tħallinix nagħtik keded iżjed.
Tħallinix nirreżistilek iżjed.
Tħallinix narmi mħabbtek iżjed.